**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN U TLETIN** **25ta' Ottubru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri attenda.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **32.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 32.1.1 | | Il-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard informa permezz ta' email li ma setgħax jattendi għas-seduta tal-lum minħabba mpenji ta' xogħol. L-apoloġija ġiet aċċettata. |
| | | |
| **32.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 32.2.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa biex il-Kunsill iġib il-pjan li kellu l-gvern fuq il-culvert maħsub għal-għargħar fiċ-ċentru tar-raħal. Biex tal-inqasw ikun hemm xi pjan li jsir parti parti. |
| | | |
| 32.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-wieħed u tletin –il seduta. |
| | | |
| ***32.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA*** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 32.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 40. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***32.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/GAL XLOKK/MINUTI TAS-SOTTO KUMITAT KULTURA U TURIMU TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ.*** |
| | | |
| 32.4.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Kultura u Turiżmu numru 13. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li diġa qed jippreparaw biex isir il-kunċert tal-Milied. Hu qal li hemm bżonn li l-orkestra tiġi rrekordjata ħalli jkun jista jsir aktar pubbliċita tagħha. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Fir-rigward tal-attivita' li l-orkestra ser tagħmel f'Pedara, qed isiru taħdidiet.<br>Fir-rigward tal-kalendarju tas-sena qed isiru laqgħat ukoll, anke mal-printer. |
| | | |
| 32.4.2 | | Ma kienx hemm aktar minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| ***32.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 32.5.1 | | Is-Sindku qal li ġimgħa ilu l-President ta' Malta laqqegħt lis-Sindki kollha, fejn infurmathom biex itellu attivita' ta' 20-30 minuta li tiġbor lir-residenti tar-raħal, fl-1 ta' Diċembru. Kien hemm qbil li jsir avviż fuq fb page tal-Kunsill, ħalli min ikun interessat javviċina lill-Kunsill.<br>Il-Kunsillier David Abdilla ppropona li tkun l-orkestra tal-Kunsill tagħmel l-attivita ta' 20 minuta. Il-President ta' Malta, ħeġġet ukoll biex f'Novembru, waqt attivita' oħra, jsir tapit f'kull raħal, biex ir-residenti jħallu 2Euro fuq dan it-tapit, biex jinġabru għall-istrina. Is-Sindku ppropona li ssir attivita' b'karozzi antiki u jiġu mistiedna l-karozzi tal-elettriku. Il-Kunsillier Dino Bonnici ppropona li l-attivita' issir waqt il-Half marathon, halli jkun hawn aktar nies għall-attivita'. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 32.5.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-quarterly financial report għall-perjodu 1 ta' Jannar u l-aħħar ta' Settembru, 2017. Kien approvat biex jintbagħat. |
| | | |
| 32.5.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mill-Perit tal-Kunsill, fejn fuq il-każ ta' bankina fil-propjeta privata, fi Vjal ix-Xarolla k/m Sqaq Barcellona, l-linji tal-Awtorita' tal-Ippjanar jindikaw li l-bankina trid toħroġ 'l barra biex tiġi mal-linja tal-bini.<br>Kien hemm qbil li sid l-art jiġi mistoqsi jekk isibx oġġezzjoni li l-bankina tibqa fejn hi eżistenti u wara li jibni, issir il-bankina li jkun hemm bżonn issir 'l barra mis-sit li jinbena. Sadanittant l-kunsill jitlob lill TM biex ineħħi il-bus stop mil-propjeta msemmija. |
| | | |
| 32.5.4 | | Is-Sindku qal li kellu laqgħat ma' Transport Malta u mal-ELC fuq roundabout ġdida fid-daħla taż-Żurrieq. Is-Sindku qal li l-funtana u l-istatwi ser jitneħħew u |

| | | |
|---|---|---|
| | | l-Kunsill mhu ser jonfoq xejn fuq il-proġett. Ir-roundabout ġejja sempliċi u bil-pjanti fiha. Hu qal li f'seduta oħra ser ikollu l-pjanti f'idu biex jippreżenthom. Il-Kunsill ġie mistoqsi fejn ser jitpoġġew l-istatwi li hemm eżistenti. Is-Sindku ser iġib in-numru tat-telephone ta' min għamel tali statwi u nistaqsu jekk għandux il-ħsieb li jżommhom, il-Kunsill jiddisponi minnhom.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ppropona biex fir-roundabout isir xi tip ta' funtana sempliċi kif saru f'roundabout oħrajn fir-raħal. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Joseph D'Amato jagħmel laqgħa mal-persuni involuti fil-proġett. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***32.6*** | | ***Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri*** |
| | | |
| 32.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email li l-Kunsill irċieva mingħand Green MT fejn qed tissuġġerixxi lill-Kunsilli Lokali jaċċettaw l-kartuna tal-ħalib biex tingħata bħala donazzjoni għall-istrina.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill diġa jinsab kommess mal-kumpanija Green Pak biex jiġbor tappijiet għall-istrina. Is-Sindku qal li l-Kunsill bilkemm għandna fejn induru u ma jippermettix li jiġi skip.<br>Il-kumpanija Green MT qalet li l-iskola primarja taż-Żurrieq diġa daħlet f'din l-iskema.<br><br>Ma kienx hemm qbil fuq il-bażi li spazju fil-kunsill m'hawnx u l-Kunsill ma jridx itellef mill-inizjattiva li ħadet l-iskola. |
| | | |
| | | |
| 32.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta sar il-proġett ta' Ħal Millieri kien sar culvert biex jidħol l-ilma fl-għelieqi. Tali culvert ingħalaq kompletament bil-materjal – żrar u ħamrija tal-akwata. Xi sidien saħansitra qabbdu pajp min-naħa għall-oħra tat-triq biex forsi jiġbru ftit ilma. (Is-SE wriet ritratti ta' dan il-pajp) Hi flimkien mal-kuntrattur li ħadem fil-post, marru biex jaraw x'tip ta' xogħol jista jsir biex jinfetaħ tali culvert u ma jerġax jingħalaq bil-materjal li jġorr il-maltemp. L-istima ta' culvert tal-ħadid tul ta' 10 metri ser ikun jiswa 1,100Euro, filwaqt li tindif, rimi ta' materjal, tpoġġija tal-culvert u vat ser jiswew 938Euro. B'dan ix-xogħol il-Kunsill ikun qedgħa diversi għelieqi. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol meħtieġ. |
| | | |
| 32.6.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ressaq mozzjoni biex l-item taż-Żurrieq Half Marathon jiġi mitkellem f'dan il-punt. Il-Kunsillier Pierre Farrugia ssekonda. Kien hemm qbil fuq dan. |
| ***32.12*** | | ***Zurrieq Half Marathon – Attenda rappreżentant taż-Żurrieq Wolves ASC*** |
| | | |
| 32.12.1 | | Is-Sur Cliffton Caruana u s-Sur Pawlu Camilleri f'isem iż-Żurrieq Wolves ASC u s-Sur Joe Micallef f'isem il-Malta Marathon, qalu li għal din is-sena l-maratona ser terġa tkun suċċess għaliex diġa applikaw aktar minn 1,030 parteċipant. Inkitbu barranin li ġejjin apposta għall-maratona. Is-Sur Joe Micallef qal li ser issir *inflatable arch* fil-bidu u tmiem tal-maratona. Bħal kull sena l-Kunsill ser |

| | | |
|---|---|---|
| | | jagħti l-għajnuna tiegħu fl-għoti ta' midalji u trophies lill-parteċipanti li jammontaw għal 1,500Euro, ser jieħu ħsieb li jżomm l-uffiċċju tal-Kunsill miftuħ biex jittieħdu l-ilma u xi affarijiet oħra għall-maratona u ser ikun is-Sindku u l-Kunsillier Dino Bonnici li ser jagħtu s-sinjal tal-bidu tal-maratona.<br>Is-Sur Micallef qal li ser iqassam leaflet f'kull dar fl-akwata kollha tal-maratona, biex ir-residenti jkunu jafu kemm fuq ir-rotta tal-karozzi tal-linja u kemm fuq il-parkeġġ.<br>Is-Sindku f'dan il-punt ippropona l-attivita' li ssemmiet f'punt numru 32.5.1. Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil li jekk il-Community Chest Fund ma taċċettax il-ġurnata tat-12 ta' Novembru, 2017, kien hemm qbil li ma ssirx attivita' oħra. |
| | | |
| ***32.7*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 32.7.1 | | Il-Viċi Sindku staqsiet fuq meta titla l-bandiera. Is-Sindku qal li l-bandiera titla f'kull festa tar-raħal u meta jkun ir-riħ biss ma titlax.<br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li hemm bżonn li tinstab il-lista u terġa tintbagħat lill-kulħadd. |
| | | |
| 32.7.2 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia waqt laqgħa li kellha staqsiet meta ser issir b'wiċċ ġdid fi Triq Ħal Far. Ġiet infurmata li jekk il-Kunsill irid aktar tagħrif għandu jikkomunika mal-Membru Parlamentari Aaron Farrugia. |
| | | |
| 32.7.3 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia talbet biex isir culvert fi Triq Santa Katarina għax xi residenti qed jidħlilhom l-ilma fid-djar. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ser imur jara l-każ. |
| | | |
| 32.7.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa jekk jistgħux jinqatgħu ż-żerriegħa tal-palm ta' Vjal il-Blue Grotto. Kien hemm qbil li ninfurmaw lill-contract manager jistax isir żbir tagħhom. |
| | | |
| 32.7.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill għandu jikkonsidra li jagħmel restawr ta' niċeċ oħra minn fondi oħra. |
| | | |
| 32.7.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ħarġu nominazzjonijiet tal-awards tal-isports u l-Kunsill fuq inizjattiva tiegħu tefa' n-nominazzjoni fuq li l-Kunsill ħadem fuq dawn it-tliet punti – Out door gym, amalgamazzjoni taż-Żurrieq Wolves u Zurrieq nurseries FC u l-half marathon. |
| | | |
| | | |
| | | |
| **32.8** | | ***Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għall-offerti – Maintenance of Access Roads, Access Only and pedestrian streets*** |
| | | |
| 32.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għal din it-tender kien hemm offerent wieħed biss – Ells Urban Services għall-ammont ta' 19,373Euro.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jiffirma l-kuntratt mal-kuntrattur li tefa l-offerta. |

| | | |
|---|---|---|
| | | F'dan il-ħin ħarġet mis-seduta il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia (ħin 20:30) |
| | | |
| ***32.9*** | | ***Triq il-Parit – Kien preżenti s-Sur Ruben Schembri*** |
| | | |
| 32.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li residenti li joqgħodu fi Triq il-Pariet (li tiġi fil-ġemb ta' ġnien il-Ġibjun) qed ibgħatu minn ħafna trabijiet li jħallu t-trakkijiet li jitilgħu mill-barrieri ta' Ċomba u Asfaltar. Tali residenti qed jitolbu li t-trakkijiet jibdew jużaw triq oħra li ma taffetwa lil ħadd.<br>Il-Kunsill kiteb lill-Planning Authority u lill-ERA biex tara li s-sidien tal-barrieri qed jimxu mal-obbligi tal-permessi maħruġa.<br><br>Is-Sur Ruben Schembri li kien preżenti qal li minn Lulju li għadda infetħet barriera ġdida 'l isfel minn Triq il-Parit, bil-konsegwenza li qed ikun hemm ħafna trabijiet quddiem ir-residenza tagħhom. Huma pproponew li t-trakkijiet tal-barriera jużaw triq oħra alternattiva. Hu tkellem mas-sidien tal-barrieri imma sid il-barriera ta' Ċomba (Camilleri) ma aċċettax li tinfetaħ it-triq li qed tiġi pproponuta minħabba li qed jallega li parti mit-triq hi propjeta tagħhom.<br><br>Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jipprova jagħmel l-għalmu tiegħu biex jitneħħa dan l-inkonvenjent, għax ser jitkellem mal-awtoritajiet ikkonċernati. Is-Sindku qal li Triq Ganu u Triq il-Parit ser issir mill-Gvern Ċentrali fi żmien qasir. |
| | | |
| ***32.10*** | | ***Ftuħ ta' Vjal l-Indipendenza*** |
| | | |
| 32.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li waqt laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Onorevoli Julia Farrugia Portelli, membri preżenti mill-Kunsill, ressqu l-problema ta' ftuħ ta' Vjal l-Inidpendenza u l-Onorevoli Portelli Farrugia ssuġġeriet li biex il-Kunsill ikollu bażi biex jitlob għal tali ftuħ irid jagħmel rapport dettaljat u jibda billi jkellem lir-residenti milquta.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jibda billi jikteb ittra lir-residenti taż-żewġ djar li jridu jitneħħew u nistidnuhom għal seduta oħra. |
| | | |
| ***32.11*** | | ***Inawgurazzjoni tal-Out door Gym*** |
| | | |
| 32.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Out door gym lest minn kollox ħlief għall-applikazzjoni tal-metre tad-dawl, li qed taħdem fuqha ukoll. F'seduta oħra inħabbru d-data tal-ftuħ.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat għal metre tad-dawl u ser issir ukoll kamra tad-dawl biex il-metre ikun ġo fiha u jkun separat minn dak taż-Żurrieq Wolves. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***32.1*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 31.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta' **€68,589.72**<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ressaq dawn il-punti:<br>30/31 irripetuti f'52/53 – kien hemm qbil li r-repetuti jitneħħew.<br>l-Earth electrode irid jibda jitħallas mis-sidien tal-gabbani stess, bl-ammont jinqasam bejn is-sidien tal-gabbani.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Pierre Farrugia. |
| | | |
| ***30.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 30.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:45. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 29ta' Novembru, 2017 fis-6.15 ta' filgħaxija. |
| | | |

Konfermati, illum ______ ta' NOVEMBRU, 2017.

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**